

Brussell, 17 ta' Ottubru 2022  
(OR. en)

13671/22

AGRI 550  
AGRIFIN 121  
AGRIORG 110  
DELECT 186

### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPRez, Direttur
data meta waslet:	17 ta' Ottubru 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	C(2022) 7247 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 17.10.2022 li jħassar ir-Regolament Delegat (UE) Nru 639/2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabilixxi regoli għal pagamenti diretti lil bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jemenda l-Anness X ta' dak ir-Regolament

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2022) 7247 final.

Mehmuż: C(2022) 7247 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 17.10.2022  
C(2022) 7247 final

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta' 17.10.2022**

**li jħassar ir-Regolament Delegat (UE) Nru 639/2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lil bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jemenda l-Anness X ta' dak ir-Regolament**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup> jistabbilixxi qafas legali ġdid għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) biex itejjeb it-twertiq tagħha tal-objettivi tal-Unjoni stabbiliti fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Dak ir-Regolament jispeċifika wkoll dawn l-objettivi tal-Unjoni li għandhom jinkisbu mill-PAK u jiddefinixxi t-tipi ta' intervent kif ukoll ir-rekwiżiti komuni tal-Unjoni applikabbli għall-Istati Membri, filwaqt li jħalli l-flessibilità lill-Istati Membri fit-tfassil tal-interventi li għandhom jiġu pprovduti fil-Pjanijiet Strateġiċi tagħhom tal-PAK għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2027.

Ir-Regolament (UE) 2021/2115 jipprevedi tipi ta' intervent għall-pagamenti diretti. Minħabba hekk, iħassar ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013<sup>2</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jitħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2023. F'dak il-kuntest, il-Kummissjoni adottat rekwiżiti addizzjonali skont ir-Regolament (UE) 2021/2115 għat-tfassil tal-interventi li għandhom jiġu speċifikati fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, jiġifieri bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/126<sup>3</sup>. Dak ir-Regolament jissostitwixxi r-regoli attwalment stabbiliti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 639/2014<sup>4</sup>. Fl-interess taċ-ċarezza u taċ-ċertezza ġuridika, ir-Regolament tal-aħħar jenħtieġ li jitħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2023.

Minħabba li r-Regolament (UE) 2021/2115 iħalli aktar flessibilità għall-Istati Membri fit-tfassil tal-interventi li għandhom jiġu pprovduti fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom u għalhekk ma fihx l-istess setgħat bħar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, it-tħassir jenħtieġ li jkun ibbażat fuq l-għoti ta' setgħat ta' dak ir-Regolament li ntużaw biex jiġi adottat ir-Regolament Delegat (UE) Nru 639/2014.

Skont l-Artikolu 154(2) tar-Regolament (UE) 2021/2115, ir-Regolament (UE) Nru 639/2014 jenħtieġ li jkompli japplika fir-rigward tal-applikazzjonijiet għall-għajjnuna relatati mas-snin tat-talba li jibdew qabel l-1 ta' Jannar 2023.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1).

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 608).

<sup>3</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/126 tas-7 ta' Diċembru 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'rekwiżiti addizzjonali għal ċerti tipi ta' intervent speċifikati mill-Istati Membri fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom għall-perjodu mill-2023 sal-2027 skont dak ir-Regolament kif ukoll regoli dwar il-proporzjon għall-istandard 1 tal-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba (KAAT) (ĠU L 20, 31.1.2022, p. 52).

<sup>4</sup> Ir-Regolament Delegat (UE) Nru 639/2014 tal-11 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għall-pagamenti diretti lill-bdiewa skont skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jemenda l-Anness X ta' dak ir-Regolament (ĠU L 181, 20.6.2014, p. 1).

## **2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT**

Fit-3 ta' Ottubru 2022, saret konsultazzjoni li involviet esperti mis-27 Stat Membru kollha fil-Grupp ta' Esperti dwar l-implimentazzjoni tar-regolament dwar il-pjanijiet strateġiċi tal-PAK.

## **3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT**

L-Att Delegat iħassar ir-Regolament Delegat (UE) Nru 639/2014, adottat abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, peress li dak ir-Regolament tal-aħħar jiħassar mill-1 ta' Jannar 2023.

# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 17.10.2022

**li jħassar ir-Regolament Delegat (UE) Nru 639/2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lil bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jemenda l-Anness X ta' dak ir-Regolament**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lil bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fi ħdan il-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 4(3), 8(3), 9(5), 35(1), (2) u (3), 36(6), 39(3), 43(12), 44(5), 45(5) u (6), 46(9), 50(11), 52(9), 57(3), 58(5), 59(3), 67(1) u (2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup> jistabbilixxi qafas legali ġdid għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) biex itejjeb it-twertiq tagħha tal-obiettivi tal-Unjoni stabbiliti fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Dak ir-Regolament jispeċifika wkoll dawn l-obiettivi tal-Unjoni li għandhom jinkisbu mill-PAK u jiddefinixxi t-tipi ta' intervent kif ukoll ir-rekwiżiti komuni tal-Unjoni applikabbli għall-Istati Membri, filwaqt li jħalli l-flessibilità lill-Istati Membri fit-tfassil tal-interventi li għandhom jiġu pprovduti fil-Pjanijiet Strateġiċi tagħhom tal-PAK għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2027.
- (2) Ir-Regolament (UE) 2021/2115 jipprevedi tipi ta' intervent għall-pagamenti diretti. B'konsegwenza ta' dan, iħassar ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 b'effett mill-1 ta' Jannar 2023.
- (3) F'dak il-kuntest, il-Kummissjoni adottat rekwiżiti addizzjonali skont ir-Regolament (UE) 2021/2115 għat-tfassil tal-interventi li għandhom jiġu speċifikati fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, jiġifieri bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/126<sup>3</sup>.

<sup>1</sup> ĠU L 347, 20.12.2013, p. 608.

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jiffasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1).

<sup>3</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/126 tas-7 ta' Diċembru 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'rekwiżiti addizzjonali għal ċerti tipi ta' intervent speċifikati mill-Istati Membri fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom għall-perjodu mill-2023 sal-2027 skont dak ir-Regolament kif ukoll regoli dwar il-proporzjon għall-istandard 1 tal-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba (KAAT) (ĠU L 20, 31.1.2022, p. 52).

Dak ir-Regolament Delegat jissostitwixxi r-regoli attwalment stabbiliti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 639/2014<sup>4</sup>.

- (4) Fl-interess taç-çarezza u taç-çertezza legali, ir-Regolament Delegat (UE) Nru 639/2014 jenħtieġ li jitħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2023. Madankollu, f'konformità mal-Artikolu 154(2) tar-Regolament (UE) 2021/2115, jenħtieġ li jkompli japplika fir-rigward tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna relatati mas-snin tat-talba li jibdew qabel l-1 ta' Jannar 2023,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

***Tħassir u dispożizzjonijiet tranżizzjonali***

Ir-Regolament Delegat (UE) Nru 639/2014 huwa mħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2023.

Madankollu, dan għandu jkompli japplika fir-rigward tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna marbuta mas-snin ta' talba li jibdew qabel l-1 ta' Jannar 2023.

*Artikolu 2*

***Dħul fis-seħħ***

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 17.10.2022

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

*Ursula VON DER LEYEN*

---

<sup>4</sup> Ir-Regolament Delegat (UE) Nru 639/2014 tal-11 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għall-pagamenti diretti lill-bdiewa skont skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jemenda l-Anness X ta' dak ir-Regolament (ĠU L 181, 20.6.2014, p. 1).